



IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 29.8.2012
COM(2012) 473 final

GREEN PAPER

**Għarfien dwar il-Baħar 2020
mill-immappjar ta' qiegħ il-baħar għat-tbassir oċeaniku**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

{SWD(2012) 250 final}

WERREJ

1.	Viżjoni.....	3
2.	Din il-Green Paper	4
3.	Il-ħtieġa għal għarfien dwar il-baħar.....	6
3.1.	L-industrija	6
3.2.	L-awtoritajiet pubbliċi.....	8
3.3.	Ix-xjenza.....	8
3.4.	Is-soċjetà ċivili	9
4.	Disponibbiltà u interoperabilità	9
4.1.	Ostakoli	9
4.2.	Użu multiplu tad-dejta dwar il-baħar	9
4.3.	Il-kompetittività u l-innovazzjoni	10
5.	Il-progress sa issa	11
5.1.	L-isforzi nazzjonali	11
5.2.	Is-Servizz tal-GMES għall-Baħar	13
5.3.	Qafas tal-Ġbir tad-Dejta għas-sajd.....	14
5.4.	Riċerka	16
5.5.	Rapportar Ambjentali.....	17
5.6.	Adattament għat-tibdil fil-klima	17
5.7.	Inizjattivi internazzjonali	18
6.	Governanza	18
6.1.	Bilanċ bejn l-isforzi tal-UE u tal-Istati Membri	18
6.2.	Appoġġ tal-UE għall-assemblaġġ u għall-ipproċessar ta' dejta dwar il-baħar	19
6.3.	Involviment tal-ġirien	20
6.4.	L-għażla tal-prijoritajiet	20
7.	L-involviment tas-settur privat.....	21
8.	Reazzjonijiet għall-Green Paper	22

GREEN PAPER

Għarfien dwar il-Baħar 2020

mill-immappjar ta' qiegħ il-baħar għat-tbassir oċeaniku

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

1. VIŻJONI

L-oċeani u l-ibħra madwar l-Ewropa joffru opportunitajiet ġodda sabiex jintlaħqu l-miri tal-Ewropa 2020¹. Sabiex jintlaħaq dan il-potenzjal, irridu nagħmluha aktar faċli għall-kumpaniji biex jinvestu. Irridu nbaxxu l-ispejjeż, innaqqsu r-riskji u nistimulaw l-innovazzjoni. U rridu niżguraw li din l-espansjoni tal-ekonomija blu tkun sostenibbli. Ir-riżorsi huma kbar iżda mhux infiniti. Biex niżguraw li l-espansjoni tal-ekonomija blu sseħħ, li tkun sostenibbli u li l-ibħra Ewropej jiksbu status ambjentali tajjeb² jeħtieġ li nkunu nafu x'inhu l-istat tal-baħar issa, kif kien fl-imgħoddi u kif jista' jinbidel fil-ġejjieni. L-għan tal-Kummissjoni huwa li taħdem flimkien mal-Istati Membri sabiex tiġbor flimkien ir-riżorsi u l-mekkaniżmi disponibbli biex twassal dak l-għarfien għall-benefiċċju tal-industrija, l-awtoritajiet pubbliċi, ir-riċerkaturi u s-soċjetà.

Dan se jinkludi proġett ewlieni sabiex sal-2020 tiġi ppreparata mappa diġitali multiriżoluzzjoni kontinwa ta' qiegħ l-ibħra Ewropej. Din għandha tkun tal-ogħla riżoluzzjoni possibbli u tkopri t-topografija, il-ġeoloġija, il-habitats u l-ekosistemi. Għandha tkun akkumpanjata minn aċċess għal osservazzjonijiet u informazzjoni aġġornati dwar l-istat fiżiku, kimiku u bijoloġiku attwali u tal-imgħoddi tal-kolonna tal-ilma sovrastanti, tagħrif assoċjat dwar l-attivitajiet tal-bniedem, l-impatt tagħhom fuq il-baħar u tbassir oċeanografiku. Dan kollu għandu jkun faċilment aċċessibbli, interoperabbli u mingħajr restrizzjonijiet fuq l-użu. Għandu jkun sostnut minn proċess sostenibbli li jtejjeb progressivament l-adekwatezza għall-iskop tiegħu u jgħin lill-Istati Membri jimmassimizzaw il-potenzjal tal-programmi tagħhom ta' osservazzjoni, teħid ta' kampjuni u sħarriġ tal-baħar.

Filwaqt li l-UE tista' tipprovdi appoġġ permezz tal-Qafas Strateġiku Komuni għall-fondi strutturali, inkluż il-Fond Ewropew Marittimu u tas-Sajd, huwa meħtieġ impenn mill-Istati Membri u s-settur privat sabiex jintlaħaq dan il-għan.

¹ Ewropa 2020 Strateġija għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv Brussell, 3.3.2010 COM(2010) 2020

² Kif meħtieġ skont id-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina (2008/56/KE) sal-2020.

2. DIN IL-GREEN PAPER

Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni “Għarfien dwar il-Baħar 2020” ta’ Settembru 2010³, spjegat għaliex hemm bżonn li nisfruttaw il-potenzjal ekonomiku tar-rikkezza tal-osservazzjonijiet Ewropej dwar il-baħar. Din uriet li dan jikkontribwixxi sabiex jintlaħqu l-miri tal-istrategġija Ewropa 2020⁴ dwar l-impjiegi, l-innovazzjoni, l-edukazzjoni, l-inklużjoni soċjali u l-għieda kontra t-tibdil fil-klima. Dan jipprovdi l-bażi ta’ għarfien biex ikun iffaċilitat it-tkabbir ta’ “ekonomija blu” sostenibbli, li toħloq ix-xogħol fis-setturi tal-baħar u dawk marittimi billi ttejjeb il-kompetittività u l-effiċjenza tal-industrija, tal-awtoritajiet pubbliċi u tar-riċerkaturi. Dan jistimula l-innovazzjoni u jtejjeb il-fehim tagħna tal-imġiba tal-baħar. Il-Komunikazzjoni mbagħad spjegat il-prinċipji bażiċi għal strategġija li tippermetti investimenti fl-osservazzjoni tal-baħar mill-Istati Membri u l-UE sabiex jilhq u l-potenzjal tagħhom għall-ħolqien tat-tkabbir sostenibbli u l-impjiegi.

Ċentrali għal din l-istrategġija kien il-kunċett ta’ Network Ewropew għall-Osservazzjoni u d-Dejta tal-Ibħra (EMODnet⁵), network ta’ organizzazzjonijiet tal-baħar li jipprovdu punt ta’ dħul waħdieni sabiex wieħed jaċċessa u jikseb dejta dwar il-baħar miksuba minn osservazzjonijiet, servejs jew kampjuni mill-mijiet ta’ bażijiet tad-dejta miżmuma f’isem aġenziji, awtoritajiet pubbliċi, istituzzjonijiet tar-riċerka u universitajiet madwar l-Ewropa. Dan jipprovdi wkoll saffi ta’ mapep diġitali tal-parametri dderivati minn din id-dejta primarja għal baċiri sħaħ tal-baħar madwar l-Ewropa.

Iżda l-inizjattiva “Għarfien dwar il-Baħar 2020” hija usa’ mill-EMODnet. Hija tipprovdi qafas li jgħaqqad l-attivitajiet kollha li jinsabu għaddejjin dwar l-osservazzjoni tal-baħar fi ħdan l-UE. Hija tinkorpora ċ-ċiklu sħiħ, mill-osservazzjoni inizjali sal-interpretazzjoni, l-ipproċessar u t-tixrid. Hija tħaddan prinċipji bażiċi bħal pereżempju li “*d-dejta tinġabar darba u tintuża għal bosta għanijiet*” u li “*d-dejta trid tkun interoperabbli, aċċessibbli u mingħajr restrizzjonijiet fuq l-użu*”. Dawn il-prinċipji, regoli u standards komuni jiżguraw li l-programmi tal-Istati Membri, kif ukoll sforzi sinifikanti oħra tal-UE jkunu jistgħu jikkontribwixxu, flimkien mal-EMODnet, sabiex tinholq kapaċità ferm akbar mit-total tal-partijiet tagħha. Dawn jinkludu l-programm Ewropew ta’ Monitoraġġ tad-Dinja (GMES)⁶, il-Qafas tal-Ġbir tad-Dejta għas-Sajd u infrastrutturi pan-Ewropej ġodda ta’ riċerka identifikati mill-Forum Strateġiku Ewropew għall-Infrastrutturi tar-Riċerka (ESFRI).

Mill-adozzjoni tal-inizjattiva “Għarfien dwar il-Baħar 2020” ’l hawn, sar progress tajjeb. L-azzjonijiet preparatorji fl-ambitu tal-politika marittima integrata pproduċew portali tematiċi prototipi għall-EMODnet għal baċiri tal-baħar magħżula. Evalwazzjoni interim⁷ ibbażata fuq feedback mill-utenti kkonfermat il-validità bażika tal-għażliet teknoloġiċi u l-proċessi għall-assemblaġġ ta’ settijiet ta’ dejta dispari. Fuq din il-bażi bdiet it-tieni fażi tal-EMODnet, iffinanzjata mir-Regolament

³ Għarfien dwar il-Baħar 2020: dejta u osservazzjoni tal-baħar għat-tkabbir intelliġenti u sostenibbli, 8.9.2010 COM(2010) 461.

⁴ Ara n-nota ta’ qiegħ il-paġna Nru 1

⁵ F’din il-Green Paper se nippruvaw nillimitaw l-użu tal-akronimi iżda kkonċedulna din il-waħda li se tidher tul it-test kollu.

⁶ Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-programm Ewropew ta’ monitoraġġ tad-Dinja (GMES), 30.11.2011, COM(2011) 831 finali.

⁷ Annessa ma’ din il-Green Paper.

Finanzjarju dwar il-Politika Marittima Integrata⁸. Din se tipprovdi aċċess għal mappa diġitali tal-ilmijiet Ewropej kollha sal-aħħar tal-2014.

Din sejra turi, permezz ta' punt ta' aċċess waħdieni, il-fond tal-ilma, kif ukoll in-natura tas-sedimenti, fejn jinsabu l-minerali, iż-żoni ta' attività tal-bniedem u t-tip ta' ħabitat. Hija sejra tkun akkumpanjata minn osservazzjonijiet ta' parametri fiżiċi, kimiċi u bijoloġiċi bħalma huma t-temperatura, is-salinità, l-aċidità, it-tniġġis kimiku u l-ħajja tal-baħar. Hija se tkun marbuta mill-qrib mas-servizz tal-GMES għall-baħar li sejjer ikompli jwassal progressivament osservazzjonijiet u tbassir aktar irfinati tal-istat tal-oċean.

Madankollu, jeżistu għadd ta' sfidi ġodda li jridu jiġu ffaċċjati:

- (1) inizjattivi importanti tal-UE, speċjalment l-EMODnet u l-GMES, sa issa ġew implimentati permezz ta' proġetti ta' tul limitat li sejr in jispiċċaw sal-2014.
- (2) il-kriżi finanzjarja twila ffokat l-attenzjoni fuq l-infiq pubbliku. Hemm ħtieġa saħansitra akbar li jkun żgurat li l-ammont ta' madwar biljun u nofs euro minfuq kull sena mill-Istati Membri tal-UE fuq in-netwerk ta' monitoraġġ tal-baħar tal-Ewropa jkun wieħed kosteffiċjenti.
- (3) ma kienx hemm aċċess aktar faċli għad-dejta dwar is-sajd.
- (4) it-traġedja tat-terremot u t-tsunami ta' Marzu 2011 fil-Ġappun, segwita mill-inċident nukleari f'Fukushima, enfasizzaw il-benefiċċji li titwassal informazzjoni kważi f'ħin reali dwar l-istat tal-ambjent tal-baħar fil-qasam pubbliku.
- (5) l-inċertezza dwar l-impatt attwali u tal-ġejjieni tat-tibdil fil-klima fuq l-ibħra u l-kosti tal-Ewropa qiegħda xxekkel l-isforzi tal-awtoritajiet lokali u reġionali sabiex jaddattaw irwieħhom.

u anki opportunitajiet ġodda:

- (1) studju⁹ wera li l-kumpaniji privati jiġbru saħansitra aktar dejta mill-awtoritajiet pubbliċi, iżda dawn sa issa għadhom ma ġewx inkorporati fi ħdan l-inizjattivi tal-UE.
- (2) dak li se jiġi pprovdut permezz ta' EMODnet fl-2014 huwa titjib fuq dak li jeżisti u diġà sejjer jipprovdi servizzi utli lill-korpi pubbliċi u privati. Madankollu, huwa ma jestendix il-kapaċitajiet tat-teknoloġija attwali. Il-mudell diġitali tat-terren ta' qiegħ il-baħar Ewropew sejjer jitwassal b'riżoluzzjoni ta' madwar 250 metru; erba' darbiet aħjar minn dak li kien pubblikament disponibbli qabel fuq skala Ewropea. L-istrumenti tal-kejl għandhom preċiżjoni ta' ċentimetri, u dan jippermetti l-ħolqien u d-distribuzzjoni, tal-inqas f'xi reġjuni, tal-prodott b'riżoluzzjoni ferm aktar għolja kif iriduha l-utenti.

⁸ Ir-Regolament (UE) Nru 1255/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2011 li jistabbilixxi Programm biex jiġi appoġġat l-iżvilupp ulterjuri ta' Politika Marittima Integrata.

⁹ Infrastruttura tad-Dejta dwar il-Baħar, Rapport Finali ppreżentat lid-DĠ Affarijiet Marittimi u Sajd, Novembru 2009.

- (3) il-qafas finanzjarju 2014-2020 għall-UE joffri l-opportunità li tiġi żviluppata struttura ta' governanza aktar sostenibbli li fiha l-ġbir, l-assemblaġġ u t-tixrid tad-dejta dwar il-baħar ma jibqgħux aktar sett ta' proġetti ddefiniti mill-Kummissjoni iżda jsiru proċess kontinwu, integrat bi prioritajiet ibbażati fuq il-ħtiġijiet tal-utenti fl-industrija, l-awtoritajiet pubbliċi u l-komunità tar-riċerka.
- (4) l-espansjoni rapida tal-enerġija mir-riħ lil hinn mill-kosta sejra tittrasforma, tistimula u tkabbar l-ekonomija ġenerali tal-baħar. Il-benefiċċji ta' aċċess aħjar għad-dejta dwar il-baħar, ikkalkulati fuq il-bażi tal-ekonomija tal-2010, se jkun stimi baxxi.
- (5) il-programm ta' riċerka l-ġdid "Orizzont 2020" joffri l-opportunità sabiex jiġu mtejbja t-teknoloġiji għall-ġbir u l-ipproċessar tal-osservazzjonijiet tal-baħar.
- (6) l-Istati Membri u l-Pajjiżi Assoċjati qablu li jiġbru flimkien ir-riżorsi f'Inizjattiva għall-Ipprogrammar Konġunt "Ibħra u Oċeani b'Saħħithom u Produttivi" li tista' tipprovdi qafas għall-koordinazzjoni tal-programmi ta' osservazzjoni¹⁰.

Din il-Green Paper tevalwa dak li sar s'issa. Imbagħad tiftaħ dibattitu dwar l-aqwa strateġija biex wieħed jgħaddi għal fażi ġdida li tissodisfa l-isfidi ddefiniti hawnhekk u l-vantaġġi mill-opportunitajiet sabiex jiġi pprovdut immappjar diġitali sostenibbli u aċċessibbli ta' qiegħat l-ibħra Ewropej sal-2020. Tkun tipprovdi wkoll informazzjoni aġġornata dwar l-istat fiżiku, kimiku u bijoloġiku attwali u tal-imgħoddi tal-kolonna tal-ilma sovrastanti u tbassir, flimkien ma' proċess li jgħin lill-Istati Membri jimmassimizzaw il-potenzjal tal-programmi tagħhom ta' osservazzjoni, teħid ta' kampjuni u servejs tal-baħar.

3. IL-ĦTIEĠA GĦAL GĦARFIEN DWAR IL-BAĦAR

3.1. L-industrija

L-ibħra u l-oċeani tagħna jistgħu jipprovdu l-istimolu li għandna bżonn biex inċaqilqu l-ekonomiji tagħna. Huma jistgħu jipprovdu impjiegi stimulanti ta' sodisfazzjon, li jilhqgħu l-aspettattivi taż-żgħażaġh tagħna. Huma jistgħu jipprovdu l-enerġija nadifa li għandna bżonn jekk irridu nevitaw katastrofi klimatika. Huma jistgħu jipprovdu l-proteina għal dieti tajbin għas-saħħa. Huma jistgħu jipprovdu prodotti farmaċewtiċi jew enzimi mill-organiżmi li jabitaw fl-ogħla estremitajiet ta' temperatura, dawl, u pressjoni li tiltaqa' magħhom il-ħajja. U d-domanda globali dejjem tikber għall-materja prima qiegħda żżid il-faxxinu ekonomiku tat-tħaffir fl-ibħra fondi.

Dawn l-opportunitajiet ġodda għat-tkabbir u l-impjiegi "blu" qegħdin jiġu mbuttati minn żewġ żviluppi. L-ewwel, nuqqas ta' art u ilma ħelu disponibbli qiegħed iħeġġeġ lill-umanità biex terġa' tħares lejn il-71 % tal-pjaneta miksija bl-ilma mielaħ. It-tieni, l-avvanzi rapidi fit-teknoloġiji tal-osservazzjoni, tal-manipulazzjoni mill-

¹⁰

Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tas-16 ta' Settembru 2011 dwar l-Inizjattiva għall-ipprogrammar konġunt fir-riċerka msejħa "Ibħra u Oċeani b'Saħħithom u Produttivi" (2011/C 276/01).

bogħod u tal-kostruzzjoni taħt l-ilma, żviluppata primarjament mill-industrija taż-żejt, illum jippermettu operazzjonijiet mingħajr periklu f'ilmijiet aktar fondi taħt firxa aktar wiesgħa ta' kundizzjonijiet oċeanografiċi u meteoroloġiċi.

F'xi setturi, dan it-tkabbir diġà qiegħed iseħħ. Pereżempju, l-enerġija mir-riħ hija l-forma ta' ġenerazzjoni tal-elettriku li l-iżjed qiegħda tikber malajr f'termini ta' kapaċità installata. Diġà, 10 % tal-installazzjonijiet tar-riħ huma installazzjonijiet lil hinn mill-kosta u dan il-proporzjon qiegħed jiżdied. L-Assoċjazzjoni Ewropea għall-Enerġija mir-Riħ tikkalkula li sal-2020, 30 % tal-kostruzzjonijiet ġodda se jkun kostruzzjonijiet lil hinn mill-kosta u 60 % sal-2030. Is-suċċess iġib is-suċċess. L-investimenti bħall-grids tal-elettriku għal dawn il-pjattaformi tar-riħ lil hinn mill-kosta konsegwentement se jkun iġibu tkabbir għal industrija oħra.

Madankollu, ix-xogħol f'din il-fruntiera ġdida bilfors li se jkun iżjed għali u riskjuż milli wieħed jopera fuq l-art jekk kull faċilità lil hinn mill-kosta trid tibni s-servizzi anċillari tagħha bħall-kejbils u n-netwerks ta' provvista. Jew jekk kulħadd ikun obligat iwettaq servejs separati ta' qiegħ il-baħar, ikejjel il-marea u l-kurrenti, jivvaluta l-ħajja tal-baħar li tista' tiġi ddisturbata mill-attività tagħhom u jimmonitorja r-riskji mit-tsunamis, mill-maltempati jew minn organiżmi tal-baħar ostili.

Pereżempju, l-operaturi tal-akkwakultura jeħtieġu twissijiet ta' proliferazzjonijiet ta' alga tossika jew ta' invażjonijiet tal-bram li jkun resqin. Il-kumpaniji tat-tħaffir iridu jkun jafu t-topografija u l-ġeoloġija ta' qiegħ il-baħar. Il-kumpaniji tal-assigurazzjoni u l-investituri fil-portijiet u fit-turiżmu jeħtieġu dejta dwar avvenimenti estremi tal-imġhoddi sabiex jistmaw il-probabbiltà ta' ħsara fil-ġejjieni u jiżviluppaw infrastruttura kostali reżistenti għall-klima. Il-kumpaniji tal-bijoteknoloġija li jkun qegħdin ifittxu farmaċewtiċi jew enzimi ġodda sabiex jikkatalizzaw il-proċessi industrijali jridu jkun jafu fejn għandhom ifittxu għall-forom ta' ħajja strambi li jistgħu jgħixu mingħajr dawl jew li jifilħu għal temperaturi estremi.

L-għarfien dwar il-baħar huwa meħtieġ fl-għoti tal-liċenzji, fid-disinn, fil-kostruzzjoni u fit-tħaddim tal-installazzjonijiet lil hinn mill-kosta. Detentur ewlieni ta' liċenzja tal-enerġija mir-riħ lil hinn mill-kosta argumenta¹¹ li t-tagħrif dwar il-baħar għandu jkun beni pubbliku, li n-negozju jista' jkun aktar kompetittiv u l-kost tal-ġenerazzjoni tal-enerġija lil hinn mill-kosta jitnaqqas jekk ikun hemm politika pubblika aktar ċara dwar is-sjieda tad-dejta, inqas ipprezzar għall-irkupru tal-ispejjeż mill-korpi pubbliċi u standards komuni fil-ġurisprudenzja u d-dixxiplini kollha.

U, peress li *“even an entire society, a nation, or all simultaneously existing societies taken together, are not owners of the Earth. They are simply its possessors, its beneficiaries, and have to bequeath it in an improved state to succeeding generations”* (anke soċjetà sħiħa, nazzjon, jew kull soċjetà li teżisti simultanjament meħudin flimkien, mhumieks sidien id-Dinja. Huma sempliċiment il-possessuri tagħha, il-benefiċjarji tagħha, u jridu jħalluha bħala wirt fi stat imtejjeb lill-ġenerazzjonijiet suċċessivi)¹², din l-ekonomija l-ġdida tal-baħar trid tkun sostenibbli.

¹¹ It-tna-x il laqgħa tal-Grupp ta' Esperti għall-Osservazzjoni u d-Dejta Marittima, l-10 ta' Marzu 2011 <https://webgate.ec.europa.eu/maritimeforum/node/1709>.

¹² Karl Marx, Capital Vol. III Parti VI Transformation of Surplus-Profit into Ground-Rent.

L-operaturi lil hinn mill-kosta jeħtieġu għarfien dwar il-baħar sabiex jivvalutaw u jillimitaw l-impatt ambjentali ta' kwalunkwe attività proposta.

3.2. L-awtoritajiet pubbliċi

L-awtoritajiet kostali jeħtieġu għarfien dwar ir-rati ta' tgħawwir, dwar it-trasport tas-sedimenti u t-topografija sabiex jistabbilixxu jekk il-protezzjoni, l-akkomodazzjoni jew l-irtirar tkunx/ikunx l-aktar strateġija xierqa għall-ġestjoni tal-linji tal-kosta. L-awtoritajiet tas-sajd jeħtieġu dejta dwar l-isforz u l-kompożizzjoni tal-qabdiet tal-imġhoddi sabiex jistabbilixxu kwoti għas-sena ta' wara. L-awtoritajiet tas-saħħa pubblika jridu jivvalutaw jekk il-baħar huwiex tajjeb għall-għawm u jekk il-frott tal-baħar huwiex tajjeb għall-ikel. L-awtoritajiet tal-protezzjoni ċivili jridu jkunu kapaċi jikkalkulaw fejn tnixxija taż-żejt tkun ser toqot il-kosta. Il-gwardji kostali jridu jkunu jafu għal kemm daww li jibqgħu ħajjin wara inċident jistgħu jdumu ħajjin fl-ilma. L-awtoritajiet ambjentali jridu jivvalutaw l-istat ambjentali tal-ibħra u l-oċeani tagħhom u jridu jiżguraw li dawn jibqgħu mingħajr periklu u nodfa¹³. Sabiex jintlaħqu l-miri tal-UE dwar ġestjoni integrata taż-żoni kostali¹⁴ u l-ippjanar spazjali marittimu¹⁵ hemm bżonn ta' għarfien tal-attivitajiet tal-bniedem u tal-ħabitats sensitivi. Is-sorveljanza marittima bir-radar jew bis-sonar titjeb bl-għarfien tal-kundizzjonijiet ta' wiċċ il-baħar, tat-temperatura u tas-salinità.

3.3. Ix-xjenza

L-għarfien xjentifiku huwa l-bażi tal-innovazzjoni industrijali u tal-protezzjoni tal-ambjent.

Ix-xjenza tal-baħar tiddependi mill-osservazzjonijiet. Ma nistgħux nagħmlu esperimenti kkontrollati b'żewġ pjaneti Dinja. Huwa biss billi nħarsu lejn l-imġhoddi li nistgħu nifhmu x'jista' jseħħ fil-ġejjieni. In-nuqqasijiet li tħallew f'dak li ġie rreġistrat ma jistgħux jimtlew aktar tard. Editorjal dwar dan is-suġġett fir-rivista xjentifika "Nature" argumenta li "*an accurate and reliable record of what is going on can trump any particular strategy for trying to understand it*"¹⁶ (rekord preċiż u affidabbli ta' dak li jkun għaddej jista' jisboq kwalunkwe strateġija partikolari sabiex tipprova tifhmu).

B'dawn l-osservazzjonijiet, ix-xjenzati jistgħu jibdew inaqqsu l-inċertezza dwar l-imġiba fil-passat u dik preżenti ta' proċessi bħalma huma ċ-ċirkolazzjoni tal-oċeani, it-tidwib tas-silġ, iż-żieda fil-livell tal-baħar, l-assorbiment tal-karbonju, il-bidliet fl-ekosistemi jew l-aċidifikazzjoni tal-oċeani — li kollha kemm huma jħallu impatti sinifikanti fuq il-benesseri tal-bniedem u l-ekosistemi naturali. Monitoraġġ aħjar tal-ibħra u l-oċeani mhuwiex biżżejjed sabiex titnaqqas din l-inċertezza, iżda huwa

¹³ Id-Direttiva 2008/56/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ambjent Marin (Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina).

¹⁴ Rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2002 dwar l-implimentazzjoni ta' Ġestjoni Integrata taż-Żoni Kostali fl-Ewropa ĠU L 148, 6.6.2002, p. 24–27.

¹⁵ L-Ippjanar Spazjali Marittimu fl-UE — kisbiet u żviluppi futuri, COM/2010/0771 finali.

¹⁶ Editorjal Nature 450, 761 (is-6 ta' December 2007).

ċertament neċessarju. The Economist¹⁷ issuġġerixxa li l-gvernijiet mhumieq qegħdin jonfqu biżżejjed fuq l-osservazzjonijiet bis-satellita.

It-tnaqqis tal-inċertezza fl-imgħoddi u fil-preżent jista' jtejjeb it-tbassir għall-klima tal-Ewropa li jiddaħħal fil-proċess ta' analiżi u valutazzjoni tal-Grupp Intergovernattiv ta' Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima (IPCC). Parteċipazzjoni internazzjonali wiesgħa u evalwazzjoni bir-reqqa bejn il-pari jiżguraw li l-valutazzjonijiet tal-Grupp ikunu l-istrument prinċipali li jinforma lill-uffiċjali tal-gvern responsabbli għall-introduzzjoni ta' miżuri ta' adattament.

3.4. Is-soċjetà ċivili

Iċ-ċittadini f'demokrazija jeħtieġu l-informazzjoni sabiex iżommu r-rappreżentanti eletti tagħhom responsabbli fir-rigward ta' kwistjonijiet li jaffettwaw il-viceinat tagħhom, haġġithom, saħħithom jew id-Dinja li huma jixtiequ jħallu lil uliedhom. L-esperjenza wriet li huwa ħażin li wieħed jassumi li l-isfond tekniku għal dawn il-kwistjonijiet l-aħjar li jitħalla kompletament f'idejn l-awtoritajiet xierqa responsabbli. Editorjal fir-rivista "Nature"¹⁸ uża l-eżempju tal-inċident ta' Fukushima biex jargumenta li aċċess aħjar tal-pubbliku għad-dejta jikkontribwixxi għal valutazzjoni aħjar tar-riskji: *"This would unleash the diverse creativity of academic researchers, journalists, software geeks and mappers"* (Dan jillibera d-diversità varjata tar-riċerkaturi akkademiċi, tal-ġurnalisti, tal-esperti tas-software u ta' dawk li jagħmlu l-mapep).

4. DISPONIBILITÀ U INTEROPERABILITÀ

4.1. Ostakoli

Fil-Komunikazzjoni tagħha tal-2010 "Għarfien dwar il-Baħar 2020"¹⁹, il-Kummissjoni Ewropea rrimarkat li xi ostakoli kienu qegħdin jimpedixxu l-investimenti fid-dejta dwar il-baħar milli jagħtu l-benefiċċji potenzjali tagħhom. Id-dejta kienet miżmuma minn mijiet ta' istituzzjonijiet differenti fl-UE — uffiċċji idrografiċi, servejs ġeoloġiċi, awtoritajiet lokali, aġenziji ambjentali, istituti tar-riċerka, universitajiet. Li ssib min kellu d-dejta kienet sfida importanti. Li tiksibha setgħet tiegħu ġimgħat ta' negozjati. U li tiġborha flimkien sabiex tipprovdi stampa kompleta setgħet tkun proċess kumpless u twil. Ħafna dejta tipikament ma kienet la aċċessibbli u lanqas interoperabbli.

4.2. Użu multiplu tad-dejta dwar il-baħar

L-istess osservazzjonijiet tal-baħar dwar il-parametri fiżiċi, kimiċi u bijoloġiċi jistgħu jissodisfaw il-ħtiġijiet ta' diversi utenti finali. Pereżempju, id-dejta dwar it-temperatura u s-salinità tal-oċeani tintuża sabiex tiġi vvalutata l-bidla klimatika tal-oċeani, jintgħażlu siti għall-akkwakultura jew jiġu stabbiliti l-limiti tas-sonar sabiex issir detezzjoni tas-sottomarini. Id-dejta dwar is-sottostrati ta' qiegħ il-baħar hija meħtieġa sabiex tiġi ppjanata l-estrazzjoni tal-aggregati jew tal-idrokarburi, jiġu

¹⁷ Editorial Economist "Something to watch over us". it-12 ta' Mejju 2012.

¹⁸ "A little knowledge", Nature 472, 135 (l-14 ta' April 2011).

¹⁹ Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna nru 3.

żgurati sisien sodi għall-pjattaformi tat-turbini tar-riħ, jew jiġi vvalutat l-impatt tas-sajd. L-istess dejta dwar il-ħabitats tal-baħar tista' tintuża sabiex jiġi vvalutat l-impatt ta' faċilità ġdida jew biex isiru rapporti dwar l-istat tal-ambjent.

Huwa dan il-funzjonament multiplu tad-dejta sottostanti dwar il-baħar f'dixxiplini u setturi differenti li jagħmel il-politika ta' aċċess miftuħ l-aktar opzjoni effiċjenti. Biex tali politika tkun effiċjenti u effettiva, id-dejta trid tkun disponibbli pubblikament u interoperabbli. Il-politika tal-Kummissjoni hija li d-dejta dwar il-baħar għandha tkun rilevanti, aċċessibbli, bla ħlas u mingħajr restrizzjonijiet fuq l-użu.

4.3. Il-kompetittività u l-innovazzjoni

Hemm prezz ċar għall-frammentazzjoni u l-inaċċessibbiltà tad-dejta dwar il-baħar. Il-valutazzjoni tal-impatt²⁰ li takkumpanja l-Komunikazzjoni stmat li l-utenti eżistenti jistgħu jiffrankaw EUR 300 miljun fis-sena kieku d-dejta tkun integrata u ġestita sewwa. Dawn l-istimi ma jikkunsidrawx it-tkabbir inevitabbli ġejjieni fl-ekonomija tal-baħar u ż-żieda konsegwenti fid-domanda għad-dejta. L-ewwel għan speċifiku tal-inizjattiva "Għarfien dwar il-Baħar 2020" huwa li tnaqqas l-ispejjeż għall-industrija, għall-awtoritajiet pubbliċi u għar-riċerkaturi.

Mingħajr aċċessibbiltà aħjar għad-dejta dwar il-baħar, servizzi ta' valur miżjud bħalma huma l-valutazzjoni tal-istokkijiet tal-ħut jew il-vulnerabbiltà tal-infrastruttura kostali għaż-żidiet fil-maltempati, jistgħu jiġu pprovduti biss mill-organizzazzjonijiet li jkollhom id-dejta. Dan huwa ineffiċjenti u antikompetittiv. Il-ftuħ ta' dawn ir-riżorsi jippermetti li operaturi ġodda jidħlu fis-suq. L-interoperabilità tippermetti li n-negozji żgħar jew l-akkademiċi jiżviluppaw prodotti u servizzi ġodda bbażati fuq dejta minn sorsi differenti u ta' tipi differenti. Diffiċli tistma l-valur ta' dan għall-ekonomija tal-UE, iżda l-valutazzjoni tal-impatt issuġġeriet li jista' jkun ta' madwar EUR 200 miljun fis-sena. It-tieni għan speċifiku tal-inizjattiva "Għarfien dwar il-Baħar 2020" huwa li tistimula l-innovazzjoni.

Dik l-istima ma tinkludix razzjonalizzazzjoni tas-sistemi attwali għall-osservazzjoni tal-baħar li jnaqqsu l-inċertezza fil-fehim tagħna tal-imġiba tal-baħar. Il-valur ekonomiku ta' dan huwa saħansitra aktar diffiċli biex tbassru, iżda jista' jkun saħansitra akbar. Fil-fatt, l-inċertezza hija l-għadu ewlieni ta' daww responsabbli għad-disinn ta' strutturi lil hinn mill-kosta li jistgħu jifilħu għall-kapriċċi tal-baħar, għall-ġestjoni ta' stokkijiet tal-ħut jew għat-tfassil ta' żoni tal-baħar protetti. Ġie stmat²¹ li tnaqqis ta' 25 % fl-inċertezza dwar iż-żieda futura fil-livell tal-baħar jiffranka lill-awtoritajiet pubbliċi responsabbli għall-ġestjoni tal-kosti madwar EUR 100 miljun fis-sena.

Sistema ta' osservazzjoni tal-baħar ottimizzata, aċċessibbli u interoperabbli, li tgħin lix-xjenzati jnaqqsu l-inċertezza, tkun kontribut importanti għall-adattament għat-tibdil fil-klima. L-aċidifikazzjoni tal-oċeani jew it-tibdil fis-salinità tal-oċeani u l-ossiġenu maħlul żgur li se jkollhom impatt fuq l-ekosistemi tal-baħar u fuq l-ħila tagħna li naħsdu minnhom. Informazzjoni aktar bikrija sejra tagħti lill-industriji, bħal

²⁰ Network Ewropew ta' Osservazzjoni u Dejta Marittima Valutazzjoni tal-Impatt, 8.9.2010, SEC(2010) 998.

²¹ Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna Nru 20

dik għall-akkwakultura tal-frott tal-baħar bil-qoxra, iż-żmien sabiex jadattaw. U, għalkemm huwa żgur li l-pjaneta qiegħda tisħon, mhuwiex ċar x'sejjer jiġri lill-klimi lokali fl-Ewropa matul l-għexieren ta' snin li ġejjin²². Madankollu, huwa magħruf li l-bidliet fiċ-ċirkolazzjoni tal-oċeani jikkawżaw is-severità u l-ġentilezza tal-istaġuni tal-Ewropa. B'aktar ċertezza, il-previżjonijiet tad-domanda għall-enerġija jew tal-produzzjoni agrikola jistgħu jitjiebu. L-investimenti fl-adattament jistgħu jsiru b'kunfidenza. It-tielet għan speċifiku tal-inizjattiva "Għarfien dwar il-Baħar 2020" huwa li tnaqqas l-inċertezza fil-fehim tagħna tal-imġiba tal-baħar.

Dawn l-għanijiet speċifiċi kienu approvati mill-Kunsill f'Diċembru 2011²³.

1. Hemm xi raġunijiet għala għandu jkun hemm eċċezzjonijiet, għajr dawk relatati mal-privatezza personali, għall-politika tal-Kummissjoni li tagħmel id-dejta dwar il-baħar liberament disponibbli u interoperabbli

5. IL-PROGRESS SA ISSA

5.1. L-isforzi nazzjonali

Id-dejta dwar l-ambjent tal-baħar hija ass prezzjuż. Ix-xejriet fuq perjodu fit-tul jistgħu jintgħażlu biss mill-bidliet staġjonali u l-varjazzjoni naturali fuq skala ta' għaxar snin jekk l-osservazzjonijiet mill-imġhoddi, inklużi dawk miġbura qabel il-wasla tal-mezzi ta' ħżin diġitali, jistgħu jiġu pparagunati ma' dawk tal-preżent. Jekk din id-dejta tintilef, hija tkun intilfet għal dejjem. L-osservazzjonijiet ma jistgħux jiġu ripetuti.

U jridu jkunu disponibbli għall-użu immedjatament sabiex wieħed jipprepara għal theddidiet bħal irqajja' taż-żejt li jkunu resqin.

Għalhekk, għadd ta' Stati Membri qegħdin jistabbilixxu proċessi nazzjonali għall-amministrazzjoni korretta tad-dejta li tiżgura mhux biss arkivjar sikur, iżda wkoll katalogar bl-użu ta' standards u teknoloġija li jippermettu sejbien rapidu tad-dejta permezz ta' proċessi awtomatizzati. Dawn is-sistemi nazzjonali huma s-sisien tal-proċessi distribwiti li qegħdin jinbnew fil-livell tal-UE bl-użu ta' standards ibbażati fuq INSPIRE²⁴. Eżempji jinkludu MEDIN fir-Renju Unit, il-ġeoportal Franċiż Ifremer-Sextant, il-koordinazzjoni tad-dejta tar-riċerka Ġermaniża MaNIDA u l-inizjattiva MID-DE tagħhom għall-aġenziji. L-inizjattivi reġjonali, bħas-Sistema Spanjola ta' Osservazzjoni u Tbassir tal-Gżejjer Baleariċi²⁵, jistgħu jikkontribwixxu wkoll.

2. Kif jistgħu l-Istati Membri jiżguraw li d-dejta li għandhom tinħażen b'mod sikur, u tkun disponibbli u interoperabbli?

²² The real holes in climate science Nature Vol 463, il-21 ta' Jannar 2010.

²³ It-3139 laqgħa tal-Kunsill Ambjent, Brussell, id-19 ta' Diċembru 2011.

²⁴ Id-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2007 li tistabbilixxi Infrastruttura għall-Infommazzjoni Ġeografika fil-Komunità Ewropea (INSPIRE).

²⁵ Din mhijiex lista eżawrjenti ta' sforzi nazzjonali.

5.2. In-Network Ewropew għall-Osservazzjoni u d-Dejta tal-Ibħra (EMODnet)

Il-kunċett ta' Network Ewropew għall-Osservazzjoni u d-Dejta tal-Ibħra (EMODnet) li jiftaħ riżorsi frammentati u mōhbija ta' dejta dwar il-baħar tqajjem għall-ewwel darba fil-Green Paper tal-2006 għall-politika marittima²⁶. EMODnet huwa network ta' organizzazzjonijiet appoġġati mill-politika marittima integrata tal-UE. Dawn l-organizzazzjonijiet jaħdmu flimkien sabiex josservaw il-baħar, sabiex jagħmlu d-dejta miġbura dwar il-baħar disponibbli liberament u interoperabbli, sabiex joħolqu saffi kontinwi ta' dejta dwar il-baċiri differenti tal-ibħra u sabiex id-dejta u l-prodotti tad-dejta jitqassmu permezz tal-internet.

L-ewwel sett ta' azzjonijiet preparatorji tnieda fl-2009 sabiex jiġu stabbiliti pjattaformi ta' dejta prototipiċi. Sitt gruppi tematiċi ta' assemblaġġ — għall-idrografiya, il-ġeoloġija, il-fiżika, il-kimika, il-bijoloġija u l-habitats fiżiċi — laqqgħu flimkien network ta' 53 organizzazzjoni. Dawn kienu fil-biċċa l-kbira korpi pubbliċi — uffiċċji idrografiċi, servejs ġeoloġiċi, istituti oċeanografiċi — li diġà jimmaniġġjaw dejta dwar il-baħar huma stess. Huma kienu appoġġati minn kumpaniji privati b'għarfien espert fl-ipproċessar u t-tixrid tad-dejta.

Dawn il-gruppi bnew portals tal-internet għal arkivji tad-dejta ġestiti mill-Istati Membri u minn organizzazzjonijiet internazzjonali. Dawn jirrinforzaw u jibnu fuq sforzi kurrenti fl-Istati Membri bħal dawk elenkati fit-taqsimha 5.1. Minn dawn is-sitt portals, l-utenti pubbliċi jew privati ta' dejta dwar il-baħar issa jistgħu mhux biss jiksbu aċċess għall-osservazzjonijiet standardizzati huma stess, flimkien ma' indikaturi tal-kwalità tad-dejta, iżda wkoll għal prodotti ta' dejta bħal mapep ta' sedimenti jew habitats fiżiċi għall-baċiri kollha tal-ibħra. Ma għet imposta l-ebda restrizzjoni fuq l-aċċess jew l-użu ta' dawn il-prodotti tad-dejta. Il-ħidma tibni fuq u tirrinforza d-Direttiva INSPIRE²⁷, id-Direttiva dwar it-Tagħrif Ambjentali²⁸ u d-Direttiva dwar l-użu mill-ġdid ta' informazzjoni tas-settur pubbliku²⁹. L-Ambjent Komuni għall-Iskambju ta' Informazzjoni (CISE)³⁰ se jkun kapaċi jimporta dejta mill-EMODnet u b'hekk jipprovdi informazzjoni lill-awtoritajiet marittimi dwar l-ambjent, is-sajd, it-trasport, il-kontroll tal-fruntieri, id-dwana, u l-infurzar ġenerali tal-liġi kif ukoll id-difiża.

Il-ħidma kienet iggwidata u mmonitorjata minn grupp indipendenti ta' esperti u evalwazzjoni interim³¹ ikkonfermat il-solidità tal-approċċ. Għalhekk, il-ħidma qiegħda tiġi estiża skont ir-Regolament tal-2011 sabiex tappoġġa l-Politika Marittima Integrata³² biex tkopri l-baċiri kollha tal-ibħra Ewropej. Sejjer jitwaqqaf grupp tematiku dwar l-attivitajiet tal-bniedem sabiex jikkumplementa s-sitta l-oħra. Sal-

²⁶ Green Paper "Lejn Politika Marittima futura għall-Unjoni: Viżjoni Ewropea għall-oċeani u l-ibħra", 7.6.2006 COM(2006) 275.

²⁷ Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna Nru 24

²⁸ Id-Direttiva 2003/4/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2003 dwar l-aċċess pubbliku għat-tagħrif ambjentali

²⁹ Id-Direttiva 2003/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Novembru 2003 dwar l-użu mill-ġdid ta' informazzjoni tas-settur pubbliku

³⁰ Komunikkazzjoni dwar Abbozz ta' Pjan Direzzjonali li jistabbilixxi Ambjent Komuni għall-Iskambju ta' Informazzjoni għas-sorveljanza tad-dominju marittimu tal-UE, 20.10.2010 COM/2010/0584

³¹ Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna Nru 7

³² Ir-Regolament (UE) Nru 1255/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2011 li jistabbilixxi Programm biex jiġi appoġġat l-iżvilupp ulterjuri ta' Politika Marittima Integrata (.

2014, il-mira hija li jiġi pprovdut immappjar b'riżoluzzjoni medja³³ tal-ibħra Ewropej għal dawn is-seba' temi.

Ir-Regolament, għall-ewwel darba, jappoġġa wkoll prototipi ta' "punti ta' kontroll tal-baċiri tal-baħar". Dawn huma mekkaniżmi sabiex jiġi identifikat jekk l-infrastruttura ta' osservazzjoni attwali hijiex l-aktar waħda effettiva possibbli u jekk din tissodisfax il-ħtiġijiet tal-utenti pubbliċi jew privati. L-ewwel tnejn se jrin ikopru l-Baħar tat-Tramuntana u l-Baħar Mediterran.

Il-proposta tal-Kummissjoni għal Fond Ewropew Marittimu u tas-Sajd³⁴ għdid taħt il-qafas finanzjarju 2014-2020 għandha l-għan li ttipprovi appoġġ finanzjarju għall-bidla tal-EMODnet lejn kapaċità operazzjonali. Permezz ta' baġit sikur, in-Netwerk ma jibqax stat ta' sett ta' proġetti għal żmien limitat speċifikati mill-Kummissjoni iżda jista' jsir proċess kontinwu u sostenibbli, bi prijoritajiet iddefiniti mill-ħtiġijiet tal-industrija, tal-awtoritajiet pubbliċi u tal-komunità tar-riċerka. L-opzjonijiet għal struttura ta' governanza għal dan il-proċess huma deskritti fit-taqsimha 14 ta' dan id-dokument.

Il-gruppi tematiċi jippermettu li l-esperti xierqa jiddefinixxu struttura komuni għad-dejta kollha fi ħdan kull tema. Pereżempju, l-osservazzjonijiet tal-ispeċijiet bijoloġiċi jeħtieġu tal-anqas deskrizzjonijiet komuni għall-ħin, il-post u l-metodu tat-teħid tal-kampjuni, l-isem tal-ispeċijiet u l-preċiżjoni tal-kejl. L-evalwazzjoni interim tal-EMODnet³⁵ sabet li l-oqsma proposti għall-gruppi tematiċi kienu loġiċi, iżda ssuġġeriet li għandha tiġi kkunsidrata l-inkorporazzjoni flimkien tal-gruppi dwar l-idrografija u l-ġeoloġija. Kważi n-nazzjonijiet kollha għandhom aġenziji idrografiċi u servejs ġeoloġiċi separati b'missjonijiet separati, iżda issa hemm xi elementi komuni. Issa t-tnejn huma kkonċernati bil-protezzjoni tal-ambjent u xi wħud mill-istrumenti u l-metodi użati għas-serviejs huma l-istess. It-tnejn jibnu l-għarfien dwar qiegħ il-baħar permezz ta' servejs b'multibeam echosounder.

3. Is-seba' gruppi tematiċi tan-Netwerk Ewropew għall-Osservazzjoni u d-Dejta tal-Ibħra huma l-iżjed xierqa? Xi wħud minnhom għandhom jiġu kkombinati? (eż. il-ġeoloġija u l-idrografija) jew xi wħud għandhom jiġu sseparati?
4. X'għandu jkun il-bilanċ fl-EMODnet bejn il-provviediment tal-aċċess għal dejta mhux ipproċessata u l-iżvilupp ta' saffi ta' mapep diġitali miksuba mid-dejta mhux ipproċessata mill-baċiri kollha tal-baħar?

5.3. Is-Servizz tal-GMES għall-Baħar

Il-programm Ewropew ta' Monitoraġġ tad-Dinja (GMES)³⁶ huwa inizjattiva ewlenija tal-politika dwar l-ispazju tal-Unjoni Ewropea³⁷. L-għan ewleni tas-servizz tiegħu għall-baħar huwa li jipprovi prodotti u servizzi li l-fornituri ta' servizzi b'valur

³³ Pereżempju wieħed minn tmienja ta' minuta ta' lonġitudni u latitudni għall-mudell diġitali tat-terren u 1:250 000 għas-sedimenti ta' qiegħ il-baħar.

³⁴ Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd, 2.12.2011, COM(2011) 804 finali.

³⁵ Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna Nru 7

³⁶ Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna Nru 6

³⁷ Komunikazzjoni "Lejn Strateġija tal-Ispazju tal-Unjoni Ewropea għas-servizz taċ-ċittadini" 4.4.2011 COM(2011) 152.

miżjud jistgħu jibnu fuqhom sabiex jipprovdu servizzi lill-utenti pubbliċi u privati. Il-viżjoni hija li jiġi żgurat li l-prodotti jiġu żviluppati mill-iżjed teknoloġija, osservazzjonijiet bis-satellita, qawwa komputazzjonali u kapaċità ta' tbassir avvanzati disponibbli fl-Ewropa.

Skont il-programm GMES, servizz dwar il-baħar ġie progressivament żviluppat u implimentat minn 60 organizzazzjoni. Dan jipproċessa u janalizza informazzjoni minn kejl fil-post u mill-ispazju sabiex jipprovdi żewġ klassijiet ta' informazzjoni: (1) osservazzjonijiet tal-oċeani u (2) monitoraġġ u tbassir.

Il-mudelli tal-oċeani jintużaw sabiex jitwasslu stati tridimensjonali tal-imgħoddi, tal-preżent u tal-ġejjieni tal-oċeani³⁸ fil-livell tal-baċiri tal-baħar globali u Ewropej għal parametri differenti bħalma huma t-temperatura tal-baħar, il-kurrenti, is-salinità, is-silġ fil-baħar, il-livell tal-baħar, ir-riħ u l-bijoġeokimika. Sal-lum, dan is-servizz dwar il-baħar kien iffinanzjat mill-baġit għar-riċerka tal-UE. Mill-2014, il-GMES se jidħol fil-fażi operattiva sħiħa tiegħu u għandu jiġi ffinanzjat minn baġit operazzjonali.

Minbarra s-servizz dwar il-baħar li sa issa ffoka fuq l-osservazzjoni u l-għoti ta' informazzjoni kważi f'ħin reali u informazzjoni mbassra dwar l-oċeani, huwa propost servizz tal-GMES għall-klima. Il-mudelli ta' simulazzjoni tas-servizz attwali dwar il-baħar iridu jiġu kkalibrati u vvalidati ma' osservazzjonijiet tal-imgħoddi, u għalhekk is-servizz dwar il-baħar diġà għandu l-kapaċità biex jaħżen u jipproċessa dawn is-sensiliet kronoloġiċi ta' osservazzjonijiet oċeaniċi. Dan l-investment se jkun utli biex jiġu stabbiliti bidliet fil-karatteristiċi tal-oċeani għad-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina, kif ukoll sabiex jipprovdi element siewi tas-servizz il-ġdid propost dwar il-klima.

Qegħdin jiġu żviluppati standards sabiex kemm is-servizz dwar il-baħar tal-GMES kemm l-EMODnet ikunu jistgħu jiksbu aċċess għall-istess dejta in-situ.

5. Għandha tiġi stabbilita pjattaforma komuni sabiex ttiprovdi prodotti kemm mill-GMES kemm mill-EMODnet?
6. Il-prodotti u s-servizzi tal-GMES għall-baħar għandhom jiġu adattati wkoll għall-użu minn dawk li qegħdin jistudjaw it-tibdil fil-klima u l-protezzjoni tal-ambjent kif ukoll minn dawk li jeħtieġu servizz operazzjonali kważi f'ħin reali?

5.4. Qafas tal-Ġbir tad-Dejta għas-sajd

Mill-2001³⁹, l-UE ffinanzjat il-ġbir u t-tixrid tad-dejta dwar is-sajd tal-UE mill-awtoritajiet nazzjonali. Id-dejta minn servejs, kampjuni u l-qabda, l-isforz u r-rimi rrapportati tagħmilha possibbli li jiġi vvalutat l-impatt fuq l-istokk tal-ħut. Parametri bħall-kapaċità tal-flotta, l-impjiegi u l-profittabilità jippermettu wkoll analiżi tas-saħħa soċjoekonomika tal-komunitajiet tas-sajd. L-għan primarju huwa li tiġi

³⁸ Effettivament l-ekwivalenti oċeanografiku ta' tbassir tat-temp.

³⁹ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1543/2000 tad-29 ta' Ġunju 2000 li jistabbilixxi struttura Komunitarja għall-ġbir u l-ġestjoni tad-dejta meħtieġa għat-twettiq tal-politika komuni tas-sajd.

sostnuta l-ġestjoni tal-Politika Komuni tas-Sajd, għalkemm reviżjoni fl-2008⁴⁰ estendiet id-dejta għall-akkwakultura u s-settur tal-ipproċessar u wessgħet l-aċċess għal skopijiet xjentifiċi jew ta' għarfien pubbliku.

L-Artikolu 37 tal-proposta għal Riforma tal-Politika Komuni tas-Sajd⁴¹ imur lil hinn minn dan. Huwa jobbliga lill-Istati Membri sabiex jiġbru dejta bijoloġika, teknika, ambjentali u soċjoekonomika u sabiex jikkooperaw f'livell reġjonali. Dawn id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Bażiku se jrin jissostitwixxu r-Regolament tal-2008. Id-dettalji se jrin jiġu spjegati fi Programm Pluriennali ġdid tal-UE għall-perjodu 2014-2020.

Il-proposta tal-Kummissjoni għal Fond Ewropew Marittimu u tas-Sajd⁴² ġdid skont il-qafas finanzjarju 2014-2020 tippromponi li l-Qafas tal-Ġbir tad-Dejta għas-Sajd jinbidel minn ġestjoni ċentralizzata għal ġestjoni kondiviża, sabiex l-Istati Membri jieħdu r-responsabbiltà għall-ġestjoni tal-fondi u l-monitoraġġ tal-implimentazzjoni mingħand il-Kummissjoni.

B'mod ġenerali, parir dwar is-sajd għandu bżonn dejta mill-pajjiżi kollha li jistadu għal speċi partikolari jew f'żona partikolari. Ladarba tinġabar id-dejta għal għan speċifiku, id-dejta aggregata tista' tiġi ppubblikata f'rapport. Madankollu, id-dejta mhux ipproċessata pprovduta mill-Istati Membri bħalissa ma tistax titqassam għal skopijiet oħra mingħajr il-kunsens ta' daww li jkunu pprovdew id-dejta. Fil-prattika, din il-proċedura hija tant twila u ineffiċjenti li qatt ma sseħħ. Dan iwassal għal nuqqas ta' kontrolli indipendenti, li jillimita serjament il-fiduċja fir-riżultati u jxekkel l-innovazzjoni.

Il-Kummissjoni temmen li faċli jingħelbu l-kwistjonijiet relatati mal-kunfidenzjalità personali u kummerċjali. Huwa perfettament fattibbli li titqassam informazzjoni dwar is-sajd li tissodisfa l-ħtiġijiet kollha għall-fehim tal-ekosistema mingħajr ma tiġi żvelata l-attività ta' bastimenti individwali. Il-Programm Pluriennali l-ġdid għall-perjodu 2014-2020 tfassal skont dan.

Attwalment, l-EMODnet ma jipprovdix aċċess għad-dejta miġbura skont il-Qafas tal-Ġbir tad-Dejta.

7. Id-dejta li tinġabar skont il-Qafas tal-Ġbir tad-Dejta għal skop partikolari bħall-valutazzjoni tal-istokk tal-ħut għandha tkun disponibbli sabiex tintuża mill-ġdid mingħajr il-ħtieġa li tinkiseb awtorizzazzjoni minn qabel mingħand il-fornituri oriġinali ta' dik id-dejta?
8. Għandu jitwaqqaf portal tal-internet simili għal daww għall-EMODnet sabiex jipprovdix aċċess għad-dejta miżmuma mill-Istati Membri, kif ukoll dejta miġbura għal stokkijiet partikolari, segmenti partikolari tal-flotot jew żoni partikolari tas-sajd? Jekk iva, dan kif għandu jkun marbut mal-EMODnet?

⁴⁰ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 199/2008 tal-25 ta' Frar 2008 dwar l-istabbiliment ta' qafas Komunitarju għall-ġbir, il-ġestjoni u l-użu ta' dejta fis-settur tas-sajd u appoġġ għall-parir xjentifiku fir-rigward tal-Politika Komuni dwar is-Sajd.

⁴¹ Proposta għal Regolament dwar il-Politika Komuni tas-Sajd [li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 199/2008] COM(2011) 425.

⁴² Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd, 2.12.2011, COM(2011) 804 finali.

9. Id-dejta ta' kontroll, bħal dik miksuba mis-Sistema ta' Monitoraġġ tal-Bastimenti li ssegwi l-bastimenti tas-sajd, għandha ssir aktar disponibbli? Jekk iva, kif jistgħu jiġu solvuti l-kwistjonijiet relatati mal-kunfidenzjalità?

5.5. Riċerka

L-Istati Membri tal-UE jonfqu madwar EUR 1.85 biljun fis-sena fuq ir-riċerka dwar il-baħar. Madwar nofshom jintefqu fuq infrastruttura għall-iffaċilitar tal-osservazzjoni. Dan jinkludi vapuri, osservatorji taħt l-ilma, baġi li jżommu f'wiċċ l-ilma, apparat li jimxi mal-kurrent, imħaddma mill-bogħod jew vetturi awtonomi taħt l-ilma, kollha mġhammra b'firxa ta' sensors u kapaċitajiet analitiċi. Il-Forum Strateġiku Ewropew għall-Infrastrutturi tar-Riċerka (ESFRI) attwalment identifika sitt infrastrutturi pan-Ewropej li se jkollhom rwol essenzjali għall-komunità Ewropea tar-riċerka dwar il-baħar. Il-Komunikazzjoni tal-2010 tal-Kummissjoni dwar "Unjoni tal-Innovazzjoni" tipproponi li sal-2015, 60 % tal-infrastrutturi identifikati mill-ESFRI jiġu mnedija jew mibnija.

Il-kontribut tal-UE għall-azzjonijiet relatati mar-riċerka dwar il-baħar u dik marittima fis-Seba' Programm Kwadru ammonta għal EUR 350 miljun⁴³ fis-sena. EUR 25-30 miljun fis-sena minn dan l-ammont huwa ddedikat għall-infrastrutturi tar-riċerka dwar il-baħar u r-riċerka dwar teknoloġiji għall-osservazzjoni tal-baħar (sensors u sistemi għall-osservazzjoni tal-baħar). Il-Programm Kwadru appoġġa wkoll il-proġett SeaDataNet, li kien strumentali biex jiġu armonizzati l-istandards tad-dejta dwar il-baħar u tiġi żgurata l-interoperabilità bejn il-bażijiet tad-dejta dwar il-baħar. It-teknoloġija SeaDataNet hija fundamentali għall-pjattaforma EMODnet. Proġetti oħra tal-UE jagħmlu osservazzjonijiet sabiex itejbu l-għarfien tagħna dwar il-baħar.

Il-proposta tal-Kummissjoni "Orizzont 2020" għal programm ta' riċerka u innovazzjoni fis-snin mill-2014 sal-2020 tinkludi baġit akbar u proċeduri aktar sempliċi mill-programm li qiegħed jintemm. Dan il-programm ta' riċerka jista' jikkontribwixxi għall-għanijiet tal-inizjattiva "Għarfien dwar il-Baħar 2020" permezz ta' (1) appoġġ għall-iżvilupp u l-integrazzjoni ta' infrastrutturi ta' riċerka dwar il-baħar fil-livell tal-UE, (2) l-iżvilupp ta' teknoloġiji kosteffettivi u orjentati lejn l-utent għall-osservazzjoni tal-baħar, (3) proġetti ta' riċerka li se jrin iwasslu dejta dwar l-ambjent tal-baħar u l-interazzjonijiet tiegħu mal-attivitajiet tal-bniedem, inkluż għad-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina.

Sabiex jiġi mħeġġeġ l-iżvilupp tal-proprjetà intellettuali, l-ideat żviluppati fil-programmi ta' riċerka tal-UE jsiru proprjetà tar-riċerkatur. Għalhekk, is-sensors jew il-pjattaformi ta' riċerka l-ġodda mhux biss se jrin jappoġġaw monitoraġġ iżjed effiċjenti u effettiv tal-ibħra u l-oċeani tagħna, iżda jistgħu jipprovdu wkoll il-bażi għall-potenzjal ta' esportazzjoni f'settur tat-teknoloġija avvanzata b'suq globali.

Madankollu, l-osservazzjonijiet infushom dwar l-oċeani ma jistgħux jiġu brevettati u l-ekonomija sejra tibbenefika minnhom l-aktar jekk isiru disponibbli liberament. Attwalment, ħafna minn dawn l-osservazzjonijiet ma jinxterdux ladarba jintemm il-proġett tar-riċerka. Dan huwa parzjalment minħabba li r-riċerkaturi jixtiequ jippubblikaw ir-riżultati tagħhom qabel ma jirrilaxxawhom, iżda wkoll minħabba li m'hemmx inċentivi jew rekwiżiti biex huma jagħmlu l-isforz.

⁴³ minn total ta' EUR 5.4 biljun bħala medja.

10. X'għandha tkun l-enfasi tal-appoġġ tal-UE għat-teknoloġiji l-ġodda għall-osservazzjoni tal-baħar? Kif nistgħu nestendu l-monitoraġġ tal-oċeani u l-kosteffettività tiegħu? L-UE kif tista' ssaħħaħ il-pożizzjoni xjentifika u industrijali tagħha f'dan il-qasam?
11. Għandu jkun hemm obbligu sabiex il-proġetti tar-riċerka jinkludu dispożizzjoni li tiżgura l-arkivjar u l-aċċess għall-osservazzjonijiet miġbura matul il-proġett tar-riċerka?

5.6. **Rapportar Ambjentali**

L-Istati Membri jiġbru firxa wiesgħa ta' dejta sabiex jimplimentaw Direttivi tal-UE bħalma huma d-Direttiva Qafas dwar l-Ilma, id-Direttiva dwar l-Ilma tal-Għawm, id-Direttiva dwar il-Habitats, u, l-aktar riċenti, id-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina. L-Istati Membri jirrapportaw ukoll indikaturi ambjentali lil konvenzjonijiet reġjonali dwar il-baħar bħall-OSPAR, il-HELCOM, u l-Konvenzjoni ta' Barċellona u l-Konvenzjoni ta' Bukarest. Bħala parti mill-obbligi tad-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina, l-Istati Membri għandhom obbligu legali sabiex jirrapportaw lill-Kummissjoni u lill-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent id-dejta li fuqha jkunu bbażati l-valutazzjonijiet inizjali u li toħroġ mill-programmi ta' monitoraġġ. Ir-rekwiżiti ta' rapportar tad-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina huma l-bażi tal-komponent marittimu tas-Sistema ta' Informazzjoni dwar l-Ilma għall-Ewropa, WISE-Marine. Skont l-Artikolu 19 tad-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina, l-Istati Membri huma meħtieġa li jipprovdu aċċess għad-dejta li tirriżulta mill-valutazzjonijiet u mill-monitoraġġ. L-EMODnet se jjer jintuża sabiex jippermetti dan l-aċċess.

L-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent kienet involuta b'mod sħiħ fl-iżvilupp tal-EMODnet. Il-portali prototipiċi diġà mibnija fl-ewwel fażi tal-proġett u dawk iżjed avvanzati li qegħdin jiġu ppreparati fit-tieni fażi kienu speċifikament imfassla sabiex iwasslu parametri li jistgħu jintużaw għall-iżvilupp tal-indikaturi li se jkunu neċessarji sabiex jiġi vvalutat l-istat tal-ambjent skont id-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina.

Il-protokoll tar-rapportar użati għal mekkaniżmi differenti ta' rapportar mhumieħ neċessarjament l-istess, iżda fil-kuntest tad-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina, hija mistennija konverġenza akbar. U filwaqt li parti mid-dejta użata sabiex jinbnew l-indikaturi rrapportati lill-awtorità kompetenti jew lill-Kummissjoni hija pubblikament disponibbli, ħafna minnha mhijiex.

12. Il-proċess ta' "mbuttar" li bih jitwasslu r-rapporti dwar l-ambjent tal-baħar għandu progressivament jiġi sostitwit bi proċess ta' "għid", fejn id-dejta ssir disponibbli permezz tal-internet u tinkiseb mill-awtorità kompetenti bl-użu ta' teknoloġija żviluppata permezz tal-EMODnet?

5.7. **Adattament għat-tibdil fil-klima**

Sabiex tappoġġa l-iżvilupp u t-tixrid tal-bażi ta' għarfien dwar l-adattament, f'Marzu 2012 il-Kummissjoni nediet il-Pjattaforma Ewropea dwar l-Adattament għall-Klima, CLIMATE-ADAPT⁴⁴, sit tal-internet pubblikament disponibbli biex jgħin lil dawk li

⁴⁴ <http://climate-adapt.eea.europa.eu>.

jfasslu l-politika fl-iżvilupp ta' miżuri u politiki ta' adattament għat-tibdil fil-klima fil-livelli tal-UE, nazzjonali, reġjonali u lokali. CLIMATE-ADAPT tinkludi taqsima dwar il-politiki tal-UE fir-rigward tal-baħar u s-sajd, indikaturi tat-tibdil fil-klima u bażi ta' dejta ta' studji ta' każijiet dwar l-adattament, b'mod partikolari daww minn OURCOAST⁴⁵. Il-Kummissjoni qiegħda tiżviluppa proposta għal Strateġija tal-UE dwar l-Adattament, li għandha tiġi adottata fl-2013.

Approċċ aktar strutturat għall-osservazzjonijiet tal-baħar jista' jipprovdi lill-pjattaforma CLIMATE-ADAPT b'indikaturi aktar preċiżi ta' bidliet lokali fil-parametri tal-klima bħalma huma ż-żieda fil-livell tal-baħar u l-aċidifikazzjoni tal-oċeani u b'hekk jgħin fil-proċess tal-adattament.

13. Liema informazzjoni dwar l-imġiba tal-ibħra u l-kosti tagħna tista' tgħin l-aktar lin-negozji u lill-awtoritajiet pubbliċi sabiex jadattaw għat-tibdil fil-klima?

5.8. Inizjattivi internazzjonali

Biex tiġbor flimkien stampa globali tad-dinja tal-baħar u kif din qiegħda tinbidel hemm bżonn ta' osservazzjonijiet u ta' dejta minn organizzazzjonijiet kemm minn barra kif ukoll minn ġewwa l-Ewropa. Aċċess aktar strutturat u miftuħ għall-osservazzjonijiet u d-dejta Ewropej dwar il-baħar, kif deskritt f'din il-Green Paper, jippermetti li l-Ewropa tipprovdi kontribuzzjoni Prattika għall-isforzi internazzjonali sabiex tiġi pprovduta kopertura globali bħas-Sistema Globali ta' Osservazzjoni tal-Oċeani (GOOS), is-Sistema ta' Sistemi għall-Osservazzjoni Globali tad-Dinja (GEOSS) u l-proċess tan-Nazzjonijiet Uniti għar-rapportar u l-valutazzjoni globali tal-ambjent tal-baħar.

14. Hemm bżonn ta' miżuri addizzjonali, minbarra l-inizjattivi eżistenti bħall-EMODnet u l-GMES, sabiex l-Ewropa tkun tista' tappoġġa inizjattivi internazzjonali rigward id-dejta dwar il-baħar bħall-GOOS u l-GEOSS?

6. GOVERNANZA

Infrastruttura sostenibbli għad-dejta dwar il-baħar teħtieġ proċess sabiex jiġi deċiż liema osservazzjonijiet għandhom isiru, sabiex jintgħażlu liema prodotti tad-dejta għandhom jinħolqu u sabiex jiġi pprovdut appoġġ finanzjarju għall-proċess ta' ġbir, assemblaġġ, ipproċessar u tixrid.

6.1. Bilanċ bejn l-isforzi tal-UE u tal-Istati Membri

L-Istati Membri għandhom responsabbiltà legali sabiex jimmonitorjaw l-ibħra tagħhom u l-flotot tas-sajd tagħhom. Madankollu, f'xi każijiet, hemm vantaġġi ċari fir-raggruppament tal-isforzi. L-eżempju ovvjw huwa l-osservazzjoni mis-satelliti li jduru madwar id-Dinja. Ċertament li ma jkunx effiċjenti li kull Stat Membru jvara kostellazzjoni ta' satelliti biex ikejjel il-kulur tal-oċeani, it-temperatura ta' wiċċ il-baħar, il-livell tal-baħar u l-firxa tas-silġ. Fil-fatt, l-UE appoġġat l-iżvilupp u t-tħaddim inizjali tas-satelliti permezz tal-programm tagħha GMES³⁶. L-UE tappoġġa

⁴⁵ <http://ec.europa.eu/ourcoast/>.

wkoll programmi ta' servejs u ta' teħid ta' kampjuni dwar is-sajd, fejn hija tkun teħtieġ ir-riżultati għall-iskopijiet partikolari tagħha.

Madankollu, hemm eżempji oħrajn fejn sforz fil-livell tal-UE jista' jkun ġustifikat. Pereżempju, ma tistax titnaqqas l-inċertezza dwar id-daqs u l-impatt tat-tibdil fil-klima fl-Ewropa mingħajr ma jiġu mmonitorjati l-kurrenti ta' taħt is-superfiċje tal-Atlantiku f'żoni li jinsabu barra mill-ibħra territorjali jew ġurisdizzjonali. Jekk isir hekk, dan ma jkunx ta' benefiċċju akbar għall-Istat Membru li jagħmel il-monitoraġġ meta mqabbel ma' kwalunkwe Stat Membru ieħor. Igawdu minnu l-pajjiżi Ewropej kollha, anki dawk li huma mdawrin bl-art.

L-Oċean Artiku huwa eżempju ieħor fejn l-UE tista' tikkontribwixxi lejn il-programmi ta' monitoraġġ u mmappjar sabiex tipprovdi appoġġ għal dawk li jgħixu u jaħdmu hemm.

15. Xi kriterji għandhom jintużaw biex jiġi stabbilit l-appoġġ finanzjarju tal-UE għal programmi ta' osservazzjoni minbarra dawk li diġà tappoġġa? Tista' tagħti xi eżempji? L-Inizjattiva dwar Ipprogrammar Konġunt għall-Ibħra u l-Oċeani Ewropej jista' jkollha rwol?

6.2. Appoġġ tal-UE għall-assemblaġġ u għall-ipproċessar ta' dejta dwar il-baħar

Sal-lum, is-servizzi minn kull grupp tematiku ta' assemblaġġ f'EMODnet ingħataw minn konsorzji permezz ta' kuntratti ta' akkwisti, fejn is-sitt konsorzji jintgħażlu permezz ta' sejħiet separati għall-offerti għal kull grupp. B'kollox, 53 organizzazzjoni differenti kienu involuti bħala msieħba fil-konsorzji, u kien hemm ħafna oħrajn jikkontribwixxu. Ingħataw għotjiet lis-servizz GMES għall-baħar wara sejħa miftuħa għall-proposti. Għal darb'oħra, kienu involuti madwar 60 organizzazzjoni. Il-baġit tal-UE jħallas għall-provvediment ta' riżultati ddefiniti fl-akkwisti u jikkontribwixxi għal għotjiet għall-ispejjeż eliġibbli li jkun hemm qbil dwarhom. Is-sħubijiet kemm fl-EMODnet kif ukoll fil-GMES huma eteroġeni. Huma jinkludu istituti tar-riċerka, aġenziji għall-meteoroloġija jew l-idrografija u universitajiet. Xi kumpaniji privati jipprovdu kompetenza esperta dwar is-software.

Il-Kummissjoni ma għandha l-ebda influwenza fuq il-kompożizzjoni ta' dawn is-sħubijiet; huma jagħżlu lilhom infushom. Is-sħubijiet il-kbar huma indikazzjoni li l-aġenziji jew l-istituti involuti jippreferu li jkunu sidien konġunti ta' intrapriża komuni milli fornituri għal kuntrattur ewlieni wieħed.

Is-sejħiet miftuħa fiż-żewġ każijiet jiżguraw it-trasparenza u r-riżultati fiż-żewġ każijiet kienu sodisfaċenti ħafna. Madankollu, hekk kif l-inizjattivi jimmaturaw, huwa meħtieġ li tiġi żgurata l-kontinwità fit-tul tal-operazzjonijiet u tal-infrastruttura. Billi ħafna mix-xogħol fl-EMODnet jinvolvi l-immudellar mill-ġdid tal-arkivji nazzjonali tad-dejta, l-ebda sħubija mingħajr il-parteciġazzjoni taċ-ċentri nazzjonali tad-dejta dwar il-baħar ma tista' tkun kompluta. Dan jista' jindika x-xewqa li wieħed jgħaddi għal għotja jew proċedura nnegozjata li tkun aktar faċli kieku s-sħubijiet tal-EMODnet kellhom status legali. Il-kwistjonijiet ta' governanza għas-servizz GMES għall-baħar jinkludu entità ġuridika għall-koordinazzjoni u mekkaniżmu finanzjarju xieraq.

16. Kif tista' tevolvi l-governanza tal-EMODnet u tal-GMES sabiex takkomoda aħjar il-ħtieġa ta' sostenibbiltà fit-tul?

17. X'jista' jkun ir-rwol taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka u tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent?

6.3. Involvement tal-ġirien

L-ibħra tal-Ewropa ma jmissux biss il-kosti tal-Istati Membri tal-UE. Biex wieħed jifhem is-saħħa ekoloġika tal-Baħar l-Iswed jew jekk jiġi ppjanat kejbil tul il-Mediterran, hija meħtieġa l-kooperazzjoni mal-pajjiżi ġirien li jaqsmu dawn il-baċiri tal-baħar. Għal din ir-raġuni, fl-ewwel fażi tal-konstruzzjoni tal-EMODnet ipparteċipaw istituti minn dawn il-pajjiżi. Huma wkoll jinsabu f'sitwazzjoni fejn qed iħabbtu wiċċhom ma' livelli mhux aċċettabbli ta' qgħad u huma wkoll jistgħu jibbenefikaw minn għarfien li jista' jgħinjom jifhmu kif jistgħu jisfruttaw l-opportunitajiet lil hinn mill-kosta.

6.4 L-għażla tal-prijoritajiet

L-immappjar u l-monitoraġġ tal-baħar huwa, għar-raġunijiet imsemmija hawn fuq, essenzjali għat-tkabbir ekonomiku sostenibbli, għall-protezzjoni tal-ambjent u għall-fehim tat-tibdil fil-klima. Madankollu, il-baġits pubbliċi huma limitati u għalhekk iridu jiġu deċiżi l-prijoritajiet. Hekk kif nitilqu minn paradigma ta' ġbir tad-dejta għal għanijiet speċifiċi għal waħda fejn din tinġabar darba u tintuża għal għanijiet differenti, jeħtieġ li jitwieġbu żewġ mistoqsijiet speċifiċi: (1) x'tip ta' infrastruttura ta' osservazzjoni u strateġija ta' teħid ta' kampjuni huma meħtieġa għal baċir tal-baħar partikolari? u (2) kif tista' l-kontribuzzjoni finanzjarja tal-UE ttipprovdi l-akbar valur miżjud?

Il-Qafas tal-Ġbir tad-Dejta huwa sodisfaċenti fir-rigward ta' dawn iż-żewġ aspetti. Hemm fis-seħħ proċess sabiex jiddefinixxi x'tip ta' dejta jeħtieġ li tinġabar. Billi wieħed mill-għanijiet tal-Politika Komuni tas-Sajd huwa li din tillimita l-ħsara ambjentali tas-sajd⁴⁶, l-istrateġija tat-teħid tal-kampjuni diġà tmur lil hinn mill-interess li jiġi mmassimizzat ir-rendiment tas-sajd.

Il-proċess sabiex jintgħażlu s-satelliti għall-osservazzjoni tad-Dinja, li huma meħtieġa għall-monitoraġġ tal-oċeani, huwa wkoll sodisfaċenti. Dan ġie ddefinit permezz tal-proċess GMES billi ġew iddefiniti liema parametri jistgħu fil-fatt josservaw is-satelliti li jorbitaw id-Dinja minn għoli ta' madwar 800 kilometru 'l fuq mill-oċean. Il-progress teknoloġiku u fehim xjentifiku aħjar jippermettu t-titjib progressiv fil-preċiżjoni u ż-żieda ta' iżjed parametri. Pereżempju, il-monitoraġġ operattiv tal-ħxuna tas-silġ fil-baħar se jsir possibbli bl-illanċjar ta' Sentinel-3. L-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent tinsab fil-proċess li tidentifika x'kejl ieħor (mhux bis-satellita) huwa meħtieġ sabiex tikkalibra u tivvalida l-mudelli tat-tbassir GMES⁴⁷.

Għal osservazzjonijiet oħrajn, jeħtieġ li jsir aktar. Billi l-kurrenti li jbiddu d-direzzjoni, l-ispeċijiet li jpassu u bosta attivitajiet ekonomiċi ma jirrispettawx il-fruntieri nazzjonali, il-mistoqsija dwar l-aħjar infrastruttura ta' osservazzjoni u ta' teħid ta' kampjuni trid tiġi mwieġba f'livell ta' baċiri tal-baħar. Fi ħdan ir-regolament

⁴⁶ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 tal-20 ta' Diċembru 2002 dwar il-konservazzjoni u l-isfruttar sostenibbli ta' riżorsi tas-sajd skont il-Politika Komuni dwar is-Sajd.

⁴⁷ permezz tal-proġett taħt is-Seba' Programm Kwadru GIS (koordinazzjoni in-situ tal-GMES).

dwar il-politika marittima integrat⁴⁸, twaqqaf prototip ta' mekkaniżmu biex jgħin lill-Istati Membri jtejbu l-infrastruttura tagħhom ta' osservazzjoni u monitoraġġ. Il-“punti ta' kontroll tal-baċiri tal-baħar” għall-Baħar tat-Tramuntana u għall-Baħar Mediterran sejr in jevalwaw, sal-2014, kemm in-netwerk attwali ta' monitoraġġ u ta' assemblaġġ qiegħed jaqdi tajjeb il-ħtiġijiet tal-utenti privati, pubbliċi u akkademiċi. Huma sejr in jiddeterminaw il-merti relattivi ta' sistemi ta' monitoraġġ differenti — ferryboxes, baġi fissi, għawwiema — għall-kejl tal-istess parametru. Sejr in jiġu kkunsidrati s-sorsi kollha ta' informazzjoni; pubbliċi u privati. Din l-informazzjoni sejr in tgħin sabiex tiggwida lill-Istati Membri fl-investimenti tagħhom. Pereżempju, għandu jiġi aċċellerat il-“multibeam surveying” (servejs li jsiru b'aktar minn raġġ wieħed) ta' qiegħ il-baħar, jew hija meħtieġa informazzjoni aktar preċiża dwar it-tibdil fil-livell tal-baħar?

Għażliet simili jridu jsiru fil-livell tal-UE. Fil-komponent propost tal-għarfien dwar il-baħar tal-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd, huwa iżjed urġenti li wieħed jiffoka fuq il-ġbir ta' dejta dwar ir-żors minerali jew fuq il-mammiferi tal-baħar? L-UE għandha tappoġġa s-servjejs jew it-teħid tal-kampjuni f'ibħra internazzjonali? Fl-aħħar mill-aħħar, l-Istati Membri jridu jieħdu dawn id-deċiżjonijiet fil-qafas tal-Kunsill, iżda huma jrid ikollhom evalwazzjoni xierqa tal-opzjonijiet sabiex tiggwidahom. It-tweġibiet għal dawn il-mistoqsijiet sejr in jiddependu fuq l-ispejjeż u l-benefiċċji stmati.

18. Huwa meħtieġ proċess regolari sabiex tiġi evalwata l-effikaċja tal-istrateġija ta' osservazzjoni u ta' teħid ta' kampjuni għal kull baċir tal-baħar?
19. X'mekkaniżmu jista' jkun previst sabiex jiġu ġestiti l-evalwazzjoni u l-valutazzjonijiet meħtieġa sabiex il-Kummissjoni, l-Istati Membri u l-Parlament jiġu infurmati dwar il-prijoritajiet għall-appoġġ mill-UE?

7. L-INVOLVIMENT TAS-SETTUR PRIVAT

L-industriji tal-baħar żgur li sejr in jibbenefikaw mill-miżuri deskritti f'dan id-dokument, iżda hemm il-potenzjal li dawn il-benefiċċji jiżiedu billi jiġi mħeġġeġ l-involviment tas-settur privat.

Skont studju tal-2009⁴⁹, tinġabar iżjed dejta dwar il-baħar mill-kumpaniji Ewropej milli mis-settur pubbliku. Jekk kumpanija privata tiġbor dejta għall-iskopijiet partikolari tagħha, mela, fil-prinċipju, m'hemm l-ebda raġuni għala l-awtoritajiet pubbliċi għandhom jintervjenu jew jinterferixxu. Il-leġislazzjoni Ewropea dwar l-aċċess u l-użu mill-ġdid ta' din id-dejta ma tapplikax.

Madankollu, il-kumpaniji privati diġà huma obbligati jiġbru dejta bħala parti mill-valutazzjoni tal-impatt li huma jridu jwettqu biex jiksibu liċenzja għal attività partikolari lil hinn mill-kosta. Huma jistgħu jkunu obbligati wkoll li jkomplu l-monitoraġġ ladarba jibdeu l-operazzjonijiet. F'ħafna każijiet, huma obbligati jgħaddu d-dejta miġbura lill-awtorità tal-liċenzji. Madankollu, ladarba tkun ingħatat

⁴⁸ Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna Nru 8

⁴⁹ Infrastruttura tad-Dejta dwar il-Baħar, Rapport Finali ppreżentat lid-DĠ għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd, Novembru 2009.

il-liċenzja, m'hemm l-ebda żvantaġġ kompetittiv apparenti fil-ħruġ ta' dik id-dejta fid-dominju pubbliku. Il-Kummissjoni taf li l-impożizzjoni ta' obbligi ta' rapportar fuq il-kumpaniji privati f'ċirkostanzi normali toħloq piż amministrattiv li għandu jiġi evitat. Madankollu, is-sostituzzjoni ta' taħlita ta' obbligi differenti b'mekkaniżmu uniku ta' rapportar bi standards komuni bbażati fuq INSPIRE tista' tnaqqas il-piż eżistenti. Tnieda studju sabiex jgħin biex jiġu vvalutati l-ispejjeż u l-benefiċċji.

Jista' jkun hemm ukoll każ għall-estensjoni tal-obbligi ta' rapportar ladarba tkun ingħatat il-liċenzja. L-ispiża sabiex il-pjattaformi lil hinn mill-kosta jiġu mgħammra bi strumenti sabiex jipprovdu informazzjoni kontinwa dwar l-istat tal-baħar tkun żieda kważi negliġibbli fl-ispejjeż globali tal-installazzjoni. L-idea tkun li tinġabar dejta mill-pjattaformi kollha tal-UE kif ukoll minn pjattaformi oħrajn ta' osservazzjoni u li din issir disponibbli pubblikament. Dan jista' jiġi jiswja inqas mill-benefiċċju potenzjali għall-industrija kollha lil hinn mill-kosta ta' ksib ta' għarfien aħjar ta' theddidiet potenzjali bħal mewġ stramb⁵⁰, alga velenuża jew tnixxijiet radjuattivi. It-titjib tal-kompetittività tal-operat lil hinn mill-kosta kien motivazzjoni ewlenija għall-inizjattiva "Għarfien dwar il-Baħar 2020". Sħubija privatapubblika, fejn il-kumpaniji privati jaqsmu l-ispejjeż tat-tmexxija tan-Netwerk Ewropew għall-Osservazzjoni u d-Dejta tal-Ibħra biex b'hekk ikollhom vuċi fl-iffissar tal-prijoritajiet, tista' taċċellera dan il-proċess.

20. Taħt liema ċirkostanzi għandha d-dejta pprovduta mill-kumpaniji privati għal skopijiet ta' liċenzji ssir disponibbli pubblikament?
21. Għandhom l-operaturi mis-settur privat lil hinn mill-kosta li jkollhom liċenzja jkunu obbligati jikkontribwixxu għal monitoraġġ usa' tal-baħar fejn dan ikun possibbli?
22. Liema mudelli ta' sħubija privatapubblika jistgħu jimmassimizzaw l-inċentivi għall-industrija sabiex din tikkondividi d-dejta u l-investimenti fid-dejta kif ukoll il-benefiċċji mal-partijiet kollha interessati?

8. REAZZJONIJIET GĦALL-GREEN PAPER

Din il-Green Paper tiftaħ dibattitu dwar l-aħjar strateġija kif wieħed jimxi 'l quddiem biex jinkiseb immappjar diġitali aċċessibbli u sostenibbli tal-qigħan tal-baħar Ewropej, kif ukoll informazzjoni aġġornata dwar l-istat fiżiku, kimiku u bijoloġiku attwali u tal-imġhoddi tal-kolonna tal-ilma sovrastanti u tbassir għall-gejġjieni, flimkien ma' proċess li jgħin lill-Istati Membri jimmassimizzaw il-potenzjal tal-programmi tagħhom ta' osservazzjoni, immappjar u servejs tal-baħar.

Il-Kummissjoni stabbilixxiet sit elettroniku għar-reazzjonijiet.

http://ec.europa.eu/dgs/maritimeaffairs_fisheries/consultations/marine-knowledge-2020/index_en.htm

Dan is-sit elettroniku se jibqa' miftuħ sal-15 ta' Diċembru 2012. Ir-reazzjonijiet jistgħu jintbagħtu jew f'kapaċità uffiċjali jew b'mod individwali. Ir-riżultat tal-

⁵⁰ magħruf ukoll bħala mewġ anomalu, mewġ mostruż, mewġ qattiel, mewġ estrem jew mewġ mhux normali.

konsultazzjoni sejjer jiġi ppubblikat fuq is-sit elettroniku tad-Direttorat Ġenerali tal-Kummissjoni għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd. L-affiljazzjoni u l-isem tal-kontributuri individwali li jwieġbu f'kapaċità personali mhumiex sejr in jiġu ppubblikati sakemm dan ma jkunx awtorizzat b'mod speċifiku.